MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru. 655/2005

PULIZIJA
SPETTUR ARTHUR MERCIECA
VS
MARIO CARUANA
KARMENU ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Mario Caruana ta’ 25 sena, iben Angelo u Spiridiona nee’ Vella, imwieled il-Pieta’ fis-27 ta’ Dicembru, 1979, residenti Kite, Triq A. Cachia Zammit, Zejtun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 22680(M). Karmenu Zammit ta’ 27 sena, iben il-mejjet Karmenu u Maria Concetta nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Novembru, 1977, residenti Dwejra, Triq l-Isbark tat-Torok, Qajjenza, B’Bugia u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 20878(M);

Illi huma akkuzati talli f’dawn il-gzejjer, matul dawn l-ahhar sitt xhur b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi

zminijiet differenti u li jikksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) F'Marsaxlokk bejn il-11 ta' Gunju, 2005 u l-14 ta' Gunju, 2005, ikkommettew serq ta' kwantita' ta' *diesel* minn go *heavy vehicle* ta' ghamla *caterpillar*, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' madwar Lm150, hin, mezz u x-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Consiglio Busuttil;
2) F'Wied il-Ghajn, fil-25 ta' Lulju, 2005, ikkommettew serq ta' kwantita' ta' *diesel* minn go gaffa, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' madwar Lm50, hin, mezz u xi xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Consiglio Busuttil;
3) F'ta' Strejnu, limiti taz-Zejtun, fil-25 ta' Lulju 2005 u matul dawn l-ahhar erba' (4) xhur, ikkommettew serq ta' *diesel* minn go *generator*, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeccedi il-mitt lira Maltin izda inqas minn elf liri Maltin, mezz, hin u xi xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Polidano Brothers;
4) Fil-20 ta' Lulju, 2005, f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jikkommettew serq ta' *diesel* minn go gaffa, ghad-detriment ta' Polidano Brothers, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal-ezekuzzjoni ta' dan is-serq, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' Carmenu Zammit (a fol.81) izda mhux ghall-agravju li jeccedi l-elf lira Maltin;

Semghet l-istess ammissjoni ta' Carmenu Zammit wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet l-ammissjoni ta' Mario Caruana (a fol.89) izda mhux ghall-agravju li jeccedi l-elf lira Maltin;

Semghet l-istess ammissjoni ta' Mario Caruana wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati, Mario Caruana u Carmenu Zammit, hatja skond l-akkuza, izda mhux bl-agravju illi jeccedi l-elf lira Maltin stante' illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti ma jidhirx illi l-Prosekuzzjoni pprovaw dan l-agravju bla dubju dettat bir-raguni; u wara li l-Qorti rat Artikoli 41, 261, 263, 264, 267, 270, 271, 279, 280, 281 u 28A tal-Kap.9, tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' ta' l-imputati u l-ammissjoni taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------